**Qorti Civili - Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 631/21**

**Sakab Saudi Holding Company**

**vs**

**Aljabri Saad Khalid**

**Illum 21 ta' Jannar 2022**

**Wara r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni ta' Sakab Saudi Holding Company, datat 28 ta' April, 2021, ir-risposta ta' Aljabri Saad Khalid datata 12 ta' Jannar, 2022;**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Sakab Saudi Holding Company li permezz tieghu talbet li sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha izzomm lill-intimat milli:

'jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* jew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi prorpjeta', b'mod paritikolari:

*l-utile dominium* temporanju ghall-bqija tal-perjodu ta' disgha u disghin (99) sena li beda fil-hmsitax-il gurnata ta' Gunju tas-sena elfejn (15/06/2000) tal-immobbli sitwat fit-Tigne South Development f'Tigne Point, tas-Sliema . . .'

konsistenti f'appartament u zewg spazji ta' parkegg bl-ammont indikat bhala li qed jigi kawtelat fis-somma ta' €10,000,000.

Bir-raguni moghtija ghal din it-talba hija pretensjoni ta' danni ta' natura delittwali kontra l-patrimonju tal-intimat Aljabri kawza ta' ghemil doluz u agir qarrieqi u frawdolenti intiz sabiex jisraq u jdawwar a vantagg u profit ghalih assi u/jew flus appartenenti lis-socjeta' rikorrenti kif ukoll kawza ta' ksur ta' obbligi fiducjarji naxxenti in konnessjoni mal-proprjeta' immobbli ta' Aljabri u soggett ta' din l-inibizzjoni.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors inkluz l-ispjegazzjoni dettaljata fid-dokument THK 1 u l-affidavit ta' Neil David Hargreaves li gie anness mieghu rapport dettaljat redatt mid-ditta Deloitte sabiex a bazi tieghu is-socjeta' rikorrenti ssahhah l-argumentazzjoni taghha favur l-ezistenza tal-pretensjonijiet *prima facie*. Rat ukoll il-kopja tal-'istatement of claim' intavolat Qorti Superjuri ta' Ontario l-Kanada u wkoll l-atti u l-ordnijiet sussegwenti li permezz taghhom gew iffrizati l-assi tal-intimat fit-termini tad-direzzjonijiet moghtija minn dik il-Qorti.

Is-socjeta' rikorrenti tispjega li l-frodi allegatament imwettqa mill-intimat tmur bejn oltre l-€10,000,000 kkawtelati permezz tal-mandat odjern izda dan gie limitat ghal dan l-ammont in vista tal-proprjeta' immobbli prezenti fil-gzejjer Maltin proprjeta' tal-intimat li llum huwa cittadin Malti, cittadinanza ottenuta permzz tal-Malta Individual Investor Scheme. Taghmel ukoll referenza ghall-proceduri fil-Qrati Kanadizi kontra l-intimat li ghadhom pendenti in relazzjoni mal-pretensjonijiet tas-Socjeta' rikorrenti fil-konfront tal-intimat.

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti datat 28 ta' April, 2021 fejn wara li ssottomettiet li l-intimat huwa residenti gewwa l-Kanada fit-termini tal-Artikolu 3 (Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiz ta' Dokumenti Gudizzjarji u Estra Gudizzjarji f'Affarijiet Civili jew Kummercjali) kif ratifikata skont l-Att dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proceduri Legali (Kap. 443 tal-Ligijiet ta' Malta) talbet li l-procedura odjerna tigi notifikata skont il-procedura dettata fl-istess.

Rat li din il-Qorti laqghet it-talba permezz ta' digriet datat 28 ta' April, 2021.

Rat li din il-Qorti ffisat seduti ghas-smigh ta' dan il-mandat kif isegwi:

18 ta' Mejju, 2021 fejn ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimat;
15 ta' Gunju, 2021 fejn ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimat;
14 ta' Lulju, 2021 fejn ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimat;
29 ta' Lulju, 2021 fejn ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimat;
16 ta' Awwissu, 2021 fejn ghal darb'oha ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimat;
29 ta' Settembru, 2021 fejn ghal darb' ohra ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimat;
28 ta' Ottubru, 2021 fejn deher biss ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u l-Qorti ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimat;
25 ta' Novembru, 2021 fejn ghal darb' ohra deher biss ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u l-Qorti ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimat;
16 ta' Dicembru, 2021 fejn ghal darb' ohra deher biss ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u l-Qorti ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimat.

Rat li fit-12 ta' Jannar, 2022 giet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti risposta tal-intimat;

Rat li fis-smigh tat-13 ta' Jannar, 2022, meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Louis Cassar Pullicino ghar-rikorrenti u Dr. Edward Denono ghall-intimati. Dr. Debono fl-istess verbal taha ruhu b'notifikat ghan-nom tal-intimati. Dr. Cassar Pullicino rriserva d-drittijiet tar-rikorrenti fir-rigward tad-data tan-notifika tal-intimat.

Fl-istess verbal Dr. Debono ghall-intimat irrileva kif isegwi:

'illi gialdarba ghadda t-terminu ta' xahar mill-prezentata u min-notifika tal-istess atti, gialadarba l-atti skont ir-rikorrent gew notifikati fil-21 ta' Ottubru, 2021 allura l-mandat gahndu jigi rifjutat stante illi ma giex degretat entro t-terminu stabbilit mil-ligi.'

Rat li f'dak il-verbal din il-Qorti ddikjarat li la darba kienet sprovvista mir-riferta hija accettat ir-risposta prezentata.

Rat li r-rikors gie differit ghat-trattazzjoni ghat-18 ta' Jannar, 2022 stante li r-rikorrent kien ghadu mhux notifikat bir-risposta tal-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat datata 12 ta' Jannar, 2022 fejn isostni li l-allegazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti huma frivoli u vessatorji fil-konfront tal-intimat u ssostni li l-intimat qed jigi mhedded u mfittex f'tentattiv li jigi silenzjat mis-sidien odjerni tal-kumpanija rikorrenti u cioe' l-Princep Eredi tas-Saudi Arabia Mohammed Bin Salman. Jigi spjegat li l-intimat kien iservi bhala Minsitru tal-Istat u Special Advisor tal-Ex Princep Eredi u Ministru tal-Intern tas-Saudi Arabia Mohammed Bin Nayef. Ir-rikorrent jallega wkoll fir-risposta tieghu li kien hemm zmien fejn ukoll ghebu tnejn minn uliedu li huma wkoll cittadini Maltin. L-intimat jispjega x'kien l-irwol tieghu sabiex giet stabilita l-Grupp ta' Kumpaniji li minnha tifforma parti s-socjeta' rikorrenti. Isostni li l-pagament li

huwa rcieva kien awtorizzat mis-sid precedenti il-Princep Mohammed Bin Nayef. L-intimat isostni li dan ir-rikors huwa parti minn sforzi akbar li qed jaghmel il-Princep prezenti sabiex hu jirritorna gewwa r-Renju tas-Sawdi Arabja sabiex fl-ahhar mill-ahhar jinqatel. Izid li l-proprjeta' involuta giet akkwistata mir-rikorrent gewwa Malta wara li sar ezercizzju ta' 'due diligence' mill-Awtoritajiet Maltin ai fini tal-applikazzjoni ghac-cittadinanza. Isostni ghalhekk li ma jezistix l-element tal-*prima facie* sabiex dan il-mandat jigi konfermat.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-risposta fosthom l-ittra lill-President Donald J. Trump datata 7 ta' Lulju, 2020, id-dokumentazzjoni relatata mal-'Commission for the Control of INTERPOL's files', dokumentazzjoni dwar proceduri legali fil-Kolumbja in relazzjoni mal-attentati li saru sabiex l-intimat jitregga lura gewwa r-Renju tas-Sawdi Arabja. Rat ukoll id-dokument intitolat 'A Sovereign Wealth Fund for the Prince' Economic Refors and Power Consolidation in Saudi Arabia datata Lulju, 2019 u d-dokument mahrug mill-'Human Rights Watch' intitolat 'The High Cost of Change, Repression Under Saudi Crown Prince Tarnishes Reforms' datat 2019.

Rat illi fil-verbal tat-18 ta' Jannar, 2022 Dr. Cassar Pullicino ghar-rikorrent esebixxa email mibghuta lilu mill-Avukat Rachel Aquilina, Avukat fi hdan l-Ufficcju tal-Avukat tal-Istat li fih issostni li l-intimat gie notifikat b'dawn il-proceduri nhar il-21 ta' Ottubru, 2021. Ebda dokumentazzjoni ohra ma giet esebita fl-atti li tevidenzja din id-data ta' notifika tant li l-Qorti fl-istess verbal ddikjarat li kienet sprovvista mir-riferta skont il-Ligi filwaqt li l-Avukati tal-partijiet qablu li l-21 ta' Ottubru, 2021 kienet id-data korretta tan-notifika.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet.

Illi fil-verbal tat-13 ta' Jannar 2022 u fit-trattazzjoni l-intimat qajjem eccezzjoni fis-sens li t-terminu ta' xahar mill-prezentata u min-notifika tal-atti lill-intimat kienu ghaddew stante li sostna li d-data tan-notifika kienet dik tal-21 ta' Ottubru, 2021;

Illi kif inghad din il-Qorti ghadha sal-lum sprovvista mill-inkartament skont il-ligi li jevidenzja n-notifika allegata;

Illi l-Qorti rat li nonostante l-intimat isostni li suppost gie notifikat nhar il-21 ta' Ottubru, 2021 huwa naqas milli jattendi, jew jibghat rapprezentant tieghu sabiex jattendi ghas-seduti ta' din il-Qorti tat-28 ta' Ottubru, 2021, 25 ta' Novembru, 2021 u 16 ta' Dicembru, 2021. Allura bl-istess argument tal-intimat, l-intimat ghandu jitqies li huwa kontumaci f'dawn il-proceduri ghaliex ma pprezentax risposta fit-terminu mpost fuqu minn din il-Qorti.

Illi fl-atti odjerni din il-Qorti ghandha biss dikjarazzjoni ta' Dr. Debono ghan-nom tal-intimat fil-verbal tat-13 ta' Jannar, 2022 fejn huwa ta' ruhu notifikat ghan-nom tal-intimat. Fil-bqija ebda dokumentazzjoni ohra skont il-ligi ma tikkonferma xi data ohra ta' notifika tal-intimat. In oltre l-istess intimat fir-risposta tieghu datata 12 ta' Jannar 2022 mkien ma jqajjem l-eccezzjoni tal-iskadenza tat-terminu ta' xahar u johrog biss biha fil-mument li Dr Cassar Pullicino nforma lil Qorti b'dak li nghad lilu mill-Avukat tal-Istat. Illi din il-Qorti ma tistax toqghod fuq dak li intqal lir-rikorrent mill-Avukat tal-Istat b'mod mhux ufficjali izda tista' tistrieh biss fuq id-dikjarazzjoni li ghamel l-istess tinimat nhar it-13 ta' Jannar, 2022 fejn taha ruhu b'notifikat. Ghaldaqstant stante li dan id-digriet qed jinghata entro l-perjodu ta' xahar minn dik id-data dan il-mandat qed jigi deciz entro t-terminu mpost mil-ligi.

Illi fil-mertu u limitatament ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-proceduri odjerni jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti qed issostni li l-intimat iffroda ammonti kbar lill-istess socjeta' rikorrenti u dan permezz ta' diversi manuvri u maniggi. L-intimat ma jichadx li huwa rcieva dawn l-ammonti izda jsostni li kien awtorizzat jircivihom. Dan huwa appuntu dak li qed jigi eccepit mill-intimat fil-proceduri gewwa l-Kanada.

Illi sakemm is-socjeta' rikorrenti qed issostni l-frodi u li mhux minnu li kien hemm awtorizzazzjoni ghat-trasferiment tal-fondi lill-intimat din il-Qorti tqis li s-socjeta' rikorrenti ghandha l-jedd *prima facie* li tirrikjedi l-ligi. In vista wkoll tal-ammont konsiderevoli, ferm oltre dak kawtelat permezz ta'dan il-mandat, li jirrizulta dovut mill-intimat lir-rikorrenti f'kaz li l-proceduri kontra tieghu jirnexxu l-Qorti tqis ukoll li jissussisti l-element tal-irrimedjabilita' f'kaz li ma jigix konfermat dan il-mandat.

Il-Qorti wkoll taghmilha cara li ma hi qed tidhol fl-ebda mertu oltre l-pretensjonijiet finanzjari bejn il-partijiet stante li mhux kompitu taghha f'dawn il-proceduri.

**Decizjoni:**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma d-digriet provvizorju taghha datat 28 ta' April, 2021, tghaddi sabiex tilqa' definittivament it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 631/21 kif mitlub.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**